32002D0336

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' April 2002

li temenda d-Deċiżjoni 2000/159/KE dwar l-approvazzjoni provviżorja ta' pjanijiet residwi tal-pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikat taħt dokument numru K(2002) 1520)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/336/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Filwaqt li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Filwaqt li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri biex jiġu sorveljati xi sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti mill-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 29 tagħha,

Filwaqt li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi fl-ispezzjonijiet sanitarji u veterinarji fuq l-importazzjoni ta' laħam frisk tal-bovini u l-majjali minn pajjiżi terzi [2], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 14522001 [3], u partikolarment l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/159/KE tat-8 ta' Frar 2000 dwar l-approvazzjoni provviżorja ta' pjanijiet residwi ta' pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [4], telenka l-pajjiżi terzi rigward is-sorveljanza tal-gruppi ta' residwi u sustanzi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE. Konsegwentement, meta ma jingħatawx dawn il-garanziji, il-listi stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet biex isiru, għal terminu provviżorju, listi provviżorji ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw xi prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti mill-pixkeriji jew molluski bivalve ħajjin [5], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2001/4/KE [6], għandhom jiġu emendati b'mod parallel mal-modifiki għall-Anness tad-Deċiżjoni 2000/159/KE. Il-ħsieb ta' sanità pubblika dwar ir-residwi fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali jagħmlu neċessarju l-aprovazzjoni u l-aġġornament regolari ta' pjanijiet dwar residwi għal dawn il-prodotti.

(2) Taħt id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE il-pajjiżi terzi għandhom kull sena jibagħtu lill-Kummissjoni l-pjanijiet ta' sorveljanza għas-sena kurrenti u r-riżultati tas-sena ta' qabel.

(3) Meta il-garanziji imsemmija taħt id-Deċiżjoni 96/23/KE mhumiex ipprovduti, listi skond id-Deċiżjoni 95/408/EC għandhom jiġu sospiżi b'mod parallel mal-modifikazzjonijiet ta' l-Anness mad-Deċiżjoni 2000/159/KE.

(4) Rigward iċ-Ċina, l-Anness tad-Deċiżjoni 2000159/KE għandu jiġi skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/69/KE tat-30 ta' Jannar 2002 rigward xi miżuri protettivi dwar il-prodotti li joriġinaw mill-annimali importati miċ-Ċina [7].

(5) Xi pajjiżi terzi ppreżentaw pjanijiet għas-sorveljanza tar-residwi li jinkludu riżultati lill-Kummissjoni, iżda huma meħtieġa aktar evalwazzjonijiet, informazzjoni jew kjarifikazzjoni. Sakemm issir evalwazzjoni ulterjuri, dawk il-pajjiżi terzi għandhom jinżammu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2000/159/KE għall-prodotti konċernati.

(6) Xi pajjiżi terzi ppreżentaw pjanijiet għas-sorveljanza tagħhom wara li d-Deċiżjoni 2000/159/KE ġiet aġġornata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/487/KE [8]. Sakemm issir evalwazzjoni ulterjuri, dawk il-pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni 2000/159/KE għall-prodotti konċernati.

(7) Is-sitwazzjoni ta' xi pajjiżi terzi oħrajn rigward il-pjanijiet ta' sorveljanza għal xi speċje inbidlu minn mindu ġiet addottata d-Deċiżjoni 2001/487/KE. Sakemm issir evalwazzjoni ulterjuri, dawk il-pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni 2000/159/KE għall-prodotti konċernati.

(8) Id-Deċiżjoni 2000/159/KE għandha għalhekk tiġi emendata f'dan is-sens.

---

[1] ĠU L 125, tat-23.5.1996, pġ. 10.
[2] ĠU L 302, tal-31.12.1972, pġ. 28.
[3] ĠU L 198, tal-21.7.2001, pġ. 11.
[4] ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, pġ. 30.
[5] ĠU L 243, tal-11.10.1995, pġ. 17.
[6] ĠU L 2, tal-5.1.2001, pġ. 21.
[7] ĠU L 30, tal-31.1.2002, pġ. 50.
[8] ĠU L 176, tad-29.6.2001, pġ. 68.

(9) Il-miżuri provditu f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Sanità ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2000/159/KE huwa mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, 25 ta' April 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Il-pjanijiet għas-sorveljanza tar-residwi ta' dawn il-pajjiżi terzi huma provviżorjament approvati fuq bażi tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE għall-annimali jew prodotti primarji mill-annimali li jidhru b' "X" fit-tabella.

Kodiċi IS02	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Suwini	Ekwini	Tajr	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fenek	Annimali tal-kaċċa slavaġ	Annimali tal-kaċċa tar-razzett	Għasel
AD	Andorra (1)	X	X		X								
AE	Emirati Magħquda Għarbin						X						
AF	Afganistan		X (2)										
AG	Antigwa u Barbuda												
AL	Albanija		X				X						
AM	Armenja												
AN	Antilli ta' l-Olanda												
AO	Angola												
AR	Arġentina	X	X		X	X	X	X	X		X	X	X
AU	Awstralja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
AZ	Azerbaijan												
BA	Bożnja u Ħerzegovina												
BD	Bangladexx		X (2)				X						
BG	Bulgarija		X	X	X (3)	X	X	X			X	X	X
BH	Baħrajn		X (2)										
BJ	Benin												
BR	Brażil	X	X (2)	X	X	X	X	X				X	X
BS	Baħamas												
BW	Botswana	X											
BY	Belarus				X (3)								
BZ	Belize												
CA	Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X		X	X	X
CH	Svizzera	X	X	X	X	X		X	X				
CI	Core d'Ivoire												
CL	Chile	X (2)	X	X	X (2)	X	X				X	X	X
CM	Kamerun												

Kodiċi IS02	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Suwini	Ekwini	Tajr	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fenek	Annimali tal-kaċċa slavaġ	Annimali tal-kaċċa tar-razzett	Għasel
CN	Ċina		X (2)	X (2)									
CO	Kolombja						X	X					
CR	Costa Rica	X (2)	X (2)	X (2)			X						
CU	Kuba						X						X
CV	*Cape* Verde												
CY	Ċipru		X (2)	X (2)	X (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
CZ	Repubblika Ċeka	X	X	X	X (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
DZ	Alġerija												
EC	Ekwador						X						
EE	Estonja	X	X	X	X (3)	X	X	X	X				X
EG	Eġittu		X (2)										
ER	Eritrea						X						
ET	Etjopja												
Fj	Fiji												
FK	Gżejjer tal-Falklandja												
FO	Faeroe islands						X						
GA	Gabon												
GD	Grenada												
GH	Gana												
GL	Groenlandja		X		X (3)						X	X	
GM	Gambja												
GN	Guinea												
GT	Gwatemala						X						X
HK	Hong Kong (4)												
HN	Honduras		X (2)				X						
HR	Kroazja	X	X	X	X (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
HU	Ungerija	X	X	X	X (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
ID	Indoneżja						X						

Kodiċi IS02	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Suwini	Ekwini	Tajr	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fenek	Annimali tal-kaċċa slavaġ	Annimali tal-kaċċa tar-razzett	Għasel
IL	Iżrael					X	X	X	X			X	X
IN	Indja	X (2)	X (2)			X	X	X	X				X
IR	Iran		X (2)				X						
IS	Iceland	X	X	X	X		X	X					
JM	Ġamajka						X						
JP	Ġappun		X (2)				X						
KE	Kenja												
KR	Korea t' Isfel						X						
KW	Kuwajt		X (2)										
LB	Lebanon		X (2)										
LK	Sri Lanka						X						
LT	Litwanja	X	X (2)	X	X (3)	X	X	X	X		X	X	X
LV	Latvja	X	X	X		X	X	X		X	X	X	
MA	Marokk		X (2)				X						
MD	Moldova												X
MG	Madagaskar						X						
MK	L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (5)	X	X		X (3)			X					
MM	Myanmar												
MN	Mongolja		X (2)										
MR	Mawrizajna												
MT	Malta	X	X	X	X (3)	X	X	X	X	X			X
MU	Mawrizju												
MV	Maldivi												
MX	Messiku	X	X (2)		X	X	X	X	X	X			X
MY	Malasja					X (6)	X						
MZ	Mozambique												
NA	Namibja	X	X				X					X	
NC	Kaledonja Ġdida						X				X	X	

Kodiċi IS02	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Suwini	Ekwini	Tajr	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fenek	Annimali tal-kaċċa slavaġ	Annimali tal-kaċċa tar-razzett	Għasel
NG	Nigerija												
NI	Nikaragwa	X (2)	X (2)				X						X
NO	Norveġja (7)	X	X	X		X	X	X	X		X	X	X
NZ	New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
OM	Oman	X (2)	X (2)				X						
PA	Panama	X	X (2)				X						
PE	Peru		X (2)			X	X						
PF	Polinezja Franċiża												
PG	Papua New Guinea												
PH	Filippini						X						
PK	Pakistan	X (2)	X (2)										
PL	Polonja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
PM	St Pierre u Miquelon												
PY	Paragwaj	X	X (2)										
RO	Rumanija	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
RU	Russja				X (3)							X (8)	
SB	Gżejjer ta' Salamun												
SC	Seyċell						X						
SG	Singapore (4)												
SH	St Helena												
SI	Slovenija	X		X	X (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
SK	Slovakja	X	X	X	X (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
SM	San Marino (9)	X		X									X
SN	Senegal												
SR	Surinam						X						
SV	El Salvador												X
SY	Sirja		X (2)										
SZ	Sważilandja	X											
TG	Togo												

Kodiċi IS02	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Suwini	Ekwini	Tajr	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fenek	Annimali tal-kaċċa slavaġ	Annimali tal-kaċċa tar-razzett	Għasel
TH	Tajlandja					X	X						
TM	Turkmenistan		X (2)										
TN	Tuneżija		X (2)		X (3)	X	X				X	X	
TR	Turkija		X (2)				X						X
TW	Tajwan						X						
TZ	Tanżanja												X
UA	Ukrajna				X (3)								
UG	Uganda												
US	Stati Uniti	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
UY	Urugwaj	X	X		X		X	X		X	X		X
UZ	Uzbekistan		X (2)										
VC	St Vincenz u Grenadini												
VE	Venezwela												
VN	Vjetnam						X						X
YE	Jemen												
YT	Mayotte						X						
YU	l-Ex Repubblika tal-Jugoslavja	X	X	X	X (3)								
ZA	Afrika t' Isfel	X	X	X		X	X	X		X	X	X	
ZM	Zambja												X
ZW	Zimbabwe	X					X					X	

(1) Pjan inizjali għas-sorveljanza tar-residwi approvat mis-subgrupp veterinarju KE/Andorra (skond d-Deċiżjoni Decision 219/99 tal-Kumitat Konġunt ta' KE/Andorra fir22 ta' Diċembru 1999 - ĠU L 31,tal -5.2.2000, p. 84).
(2) Pakketti biss.
(3) Esportazzjoni ta' żwiemel ħajjin għall-qatla (annimali li jipproduċu l-ikel biss)
(4) Pajjiż terz li juża biss materjali bażi minn pajjiżi terzi oħrajn approvati għall-produzzjoni ta' l-ikel.
(5) Denominazzjoni xierqa għada taħt diskussjoni NM
(6) Malażja tal-Peniżola (tal-punent) biss.
(7) Pjan għas-sorveljanza approvat skond id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA Nru 223/96/COL ta' l-4 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 78,ta' l -20.3.1997, p. 38).
(8) Għal Ċriev mir-reġjun ta' Murmansk biss.
(9) Pjan għas-sorveljanza moħti skond id-deċiżjoni Nru 194 tal-Kumitat tal-Koperazzjoni KE/San Marino tat-28 ta' Ġunju 1994 (ĠU L 238, tat-13.9.1994, p. 25)."